MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2004

Numru 998/2002

**Illum 29 ta' Marzu, 2004**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Simon Galea u Kevin Farrugia)**

**vs**

**Peter Cipriott**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra l-imputat akkuzat talli fit-12 ta' Settembru, 2002 ghal habta tad-9.15 gewwa Hal Balzan:

1. minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja ta' haddiehor f'perikolu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Joseph Vassallo ID 268426M, anzjan ta' aktar minn 60 sena, liema feriti huma ta' natura hafifa kif

certifikat minn Dr Ivan Cacciatolo MD tac-Centru tas-Sahha tal-Mosta, bi ksur tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. volontarjament ksirt il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan ai termini ta' l-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. volontarjament ghidt kliem oxen u sepressjonijiet ta' dagha fil-pubbliku u dan ai termini tal-Artikolu 338 (bb) u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. ingurjat u haddiet, b'mod li johrog mill-limiti tal-provokazzjoni, lil Joseph Vassallo li ghandu numru tal-Karta tal-Identita 268426M u dan ai termini tal-Artikolu 339 (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. nqast li tobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilek mill-Pulizija PC432 Sandro Mamo, l-Pulizija 713 Christopher Falzon u l-Pulizija PC169 Victor Jones waqt li kienu qed jaqdu d-doveri taghhom jew ma halliex jew fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom u dan ai termini tal-Artikolu 338 (ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux oppost;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi kontra l-imputati huma: li kkaguna feriti hfief fuq il-persuna ta' Joseph Vassallo u li heddu u ngurjah b'mod li hareg barra l-limiti tal-provokazzjoni; li kiser il-bon ordni u l-paci pubblika; li qal kliem oxen u espressjonijiet ta' dagha fil-pubbliku; li naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija waqt il-qadi tad-doveri taghhom. Ghalhekk, hlief

ghall-ewwel akkuza, l-akkuzi l-ohra huma ta’ natura kontraverzjonali.

Illi l-fatti li taw lok ghal dawn l-akkuzi huma fil-qosor li fil-guranta u hin imsemmija fl-akkuza l-imputat kien qieghed jitkellem ma habib tieghu fil-pjazza ta’ Hal-Balzan u fil-waqt li l-persuna li maghha kien qieghed jitkellem kienet bil-qieghda hu kien bil-wieqfa b’sieq wahda fuq il-bank. L-incidenti gara fil-waqt li kwerelant gie fejn kien l-imputat u ghamel biex ipoggi bil-qieghda.

Illi mix-xhieda mismugha l-unika haga certa hi li sehh argument bejn il-kweralant u l-imputat. Ghandu wkoll jirrizulta mix-xhieda ta’ Carmelo Giordmaina li kien propju l-kweralant li nstiga l-argument bl-atteggjament arroganti tieghu fil-waqt li ‘bl herra’. Kif iddiskriva x-xhud Giordmaina, bla ebda skuza ta’ xejn, nehha sieq l-imputat minn fuq il-bank. Mill-banda l-ohra pero’ ghandu wkoll jirrizulta li meta l-argument wasal biex kien hemm kollutazzjoni hafifa bejn il-partijiet l-kwerelant sofra feriti hfief fuq il-persuna tieghu. Dwar dawn il-feriti m’hemm ebda kontestazzjoni dwar in-natura taghhhom, u anzi l-Qorti tqishom tali li juru li l-kollutazzjoni kienet ‘de minimis’, izda li ma jfissirx li l-imputat m’ghandux jirrispondi ghalihom ghab-bazi tal-principju ‘dolus indeterminatus determinatur ab exitu’.

Illi fir-rigward l-bqija tal-offiza kontraverzjonali jirrizultaw kemm it-tielet, r-raba’ u l-hames, anke jekk cirkoskritti fl-istat ta’ eccitament tal-imputat. Ma tirrizultax pero t-tieni fejn ma jirrizultax, jew almenu ma gie pruvat, li l-incidenti ipprokura apprenzjoni f’terzi fir-rigward l-inkolumita’ tal-persuna taghhom jew propjeta’ taghhom.

Ghalhekk tiddeciedi bil-mod segwenti:

- li ssib l-imputat hati tal-ewwel akkuza u cioe’ li kkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq Joseph Vassallo dwar liema u wara li rat l-Artikolu 221, u tenut kont ic-cirkostanzi, qeghdha tilliberah inkondizjonatament bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446;

- li ssibu hati tat-tielet, r-raba u l-hames akkuzi u tikkundannah komplessivament ammenda ta' Lm20 wara li rat l-Artikolu 338(bb), 324, 339(e) u 338(ee);

- li tilliberah mill-bqija;

- li tapplika pero kontra l-imputat l-Artikolu 383 tal-Kap9 u torbtu taht penali ta' Lm50 ghall-sena mill-lum li ma jkellimx lill-kwerelant Joseph Vassallo.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------